**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 637/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2363/1986)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id-19 ta' Diċembru 1986, liema żwieġ gie registrat fir- Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tal-iskrizzjoni elfejn tlett mija tlieta u sittin (2363) tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986), kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż- żwieġ hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ, nhar 1-10 ta' Jannar 1988 twieled it-tifel D E u nhar it- 13 ta' Diċembru 1991, twieldet F, li llum għandhom erbgħa u tletin sena (34) u wiehed u tletin sena (31) rispettivament;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Spiteri datat is-17 ta' Ottubru 2002, li kopja tieghu qedha tiġi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. Bl.

4. Illi dan l-att kien ġie sussegwentement emendat permezz ta' att pubbliku ieħor nhar it-3 ta' Mejju 2004 maghmula in atti tan-Nutar Tonio Cauchi, kopja ta' liem qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B2';

5. Illi l-partijiet ilhom jgħixu hajja separata għal aktar minn għoxrin sena u jinsabu kuntenti jgħixu l-ħajja separata taghhom;

6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikončiljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi l-ebda mateniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lill-intimata Anna Bugeja;

8. Illi r-rikorrent dejjem hallas il-manteniment tat-tfal lill-intimata skond it-termini tal- kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u dan sakemm għalqu tmintax-il sena (18);

9. Illi dan kollu hu kkonfermat mir-rikorrent fl-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C';

10. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hi minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joanne Spiteri datat 17 ta' Ottubru 2002 u sussegwentement dan l-att kien gie emendat permezz ta' att pubbliku iehor nhar it-3 ta' Mejju 2004 maghmula in atti tan-Nutar Tonio Cauchi;

Illi l-esponenti taqbel li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lill-esponenti;

Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe "Naudi";

Ghaldaqstant l-esponenti ma topponiex t-talbiet tar-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "G";
Il-Qorti tilqa' t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Ottubru 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "G", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;